SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

12 ta' Novembru 2019 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 1169/2011 – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-prodotti tal-ikel – Indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza ta' prodott tal-ikel fil-każ li l-ommissjoni tagħha tista' tqarraq bil-konsumaturi – Obbligu, fir-rigward tal-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn territorji okkupati mill-Istat ta' Iżrael, li jkollhom l-indikazzjoni tat-territorju ta' oriġini tagħhom, flimkien, fil-każ li jkunu ġejjin minn insedjament Iżraeljan f'dan it-territorju, mal-indikazzjoni ta' tali provenjenza"

Fil-Kawża C-363/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Mejju 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2018, fil-proċedura

Organisation juive européenne,

Vignoble Psagot Ltd

vs

Ministre de l'Économie et des Finances,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, J.-C. Bonichot, M. Vilaras, E. Regan, P. G. Xuereb u L. S. Rossi, Presidenti ta' Awla, E. Juhász, M. Ilešič, J. Malenovský (Relatur), D. Šváby, C. Lycourgos u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' April 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Organisation juive européenne, minn J. Buk Lament, avocate,

– għal Vignoble Psagot Ltd, minn F.-H. Briard, Y.-A. Benizri u E. Weiss, avocats,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas, B. Fodda, S. Horrenberger, L. Legrand, A.-L. Desjonquères, C. Mosser u E. de Moustier, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Irlanda, minn M. Browne, G. Hodge u A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn S. Kingston, BL,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u P. Huurnink, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svediż, minn A. Falk, C. Meyer-Seitz u H. Shev, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouquet, B. De Meester, F. Clotuche-Duvieusart u K. Herbout-Borczak, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU 2011, L 304, p. 18, rettifiki fil-ĠU 2014, L 331, p. 40 u fil-ĠU 2016, L 266, p. 7).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, minn naħa, l-Organisation juive européenne u Vignoble Psagot Ltd u, min-naħa l-oħra, il-ministre de l'Économie et des Finances (il-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi, Franza), dwar il-legalità ta' avviż dwar l-indikazzjoni tal-oriġini ta' merkanzija li tkun ġejja mit-territorji li ilhom okkupati mill-Istat ta' Iżrael minn Ġunju 1967.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-ikel

3 Il-premessi 3, 4 u 29 tar-Regolament Nru 1169/2011 jindikaw:

"(3) Sabiex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa għall-konsumaturi u sabiex ikun garantit id-dritt tagħhom għall-informazzjoni, għandu jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu infurmati b'mod adegwat dwar l-ikel li jieklu. L-għażliet tal-konsumaturi jistgħu jiġu influwenzati, fost l-oħrajn, minn konsiderazzjonijiet sanitarji, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u etiċi.

(4) Taħt ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463] huwa prinċipju ġenerali tal-liġi dwar l-ikel li tiġi provduta bażi biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati rigward l-ikel li jieklu u biex jipprevjenu kwalunkwe prattika li tista' tiżgwida lill-konsumatur.

[…]

(29) L-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza tal-ikel għandu jingħata kull meta n-nuqqas tagħha probabbli jiżgwida lill-konsumaturi fir-rigward tal-pajjiż veru ta' oriġini jew il-post veru ta' provenjenza ta' dak il-prodott. Fil-każijiet kollha, l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għandha tingħata b'mod li ma tiżgwidax lill-konsumatur […]"

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jipprovdi l-bażi biex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur b'rabta mal-informazzjoni dwar l-ikel, billi jqis id-differenzi fil-perċezzjoni tal-konsumaturi u l-bżonnijiet tagħhom għal informazzjoni filwaqt li jassigura li s-suq intern jiffunzjona mingħajr xkiel."

5 L-Artikolu 2(2)(g) tal-imsemmi regolament jipprovdi li, għall-finijiet ta' dan tal-aħħar, il-"post ta' provenjenza" huwa l-post indikat bħala dak minn fejn ikun ġej il-prodott tal-ikel, iżda li ma huwiex il-"pajjiż ta' orġini" kif iddefinit konformement mal-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Komunità"), qabel ma jispeċifika li l-isem, l-isem tan-negozju jew l-indirizz tal-operatur tan-negozju tal-ikel li jidhru fuq it-tikketta ma għandhomx jikkostitwixxu indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza tal-prodott tal-ikel. Barra minn hekk, il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jipprovdi li l-"pajjiż ta' oriġini" ta' prodott tal-ikel jirreferi għall-oriġini tal-prodott, kif iddefinit konformement mal-Artikoli 23 sa 26 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

6 L-Artikolu 3 tal-istess regolament, intitolat "Għanijiet ġenerali", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-forniment tal-informazzjoni dwar l-ikel għandu jsegwi livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-konsumaturi u tal-interessi tagħhom billi jipprovdi bażi għall-konsumaturi finali biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u biex jużaw l-ikel b'mod sigur, b'mod partikolari fir-rigward ta' konsiderazzjonijiet sanitarji, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u etiċi."

7 Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1169/2011, intitolat "Lista ta' dettalji obbligatorji":

"1. Konformement mal-Artikoli 10 sa 35 u skont l-eċċezzjonijiet li hemm f'dan il-Kapitolu, hija obbligatorja l-indikazzjoni tad-dettalji li ġejjin:

[…]

(i) il-pajjiż tal-oriġini jew il-post ta' provenjenza meta previst fl-Artikolu 26;

[…]"

8 L-Artikolu 26 ta' dan ir-regolament, intitolat "Pajjiż tal-oriġini jew post ta' provenjenza", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini jew tal-post ta' provenjenza għandu jkun obbligatorju:

(a) fejn in-nuqqas ta' din l-indikazzjoni jista' jiżgwida lill-konsumatur fir-rigward tal-pajjiż veru tal-oriġini jew il-post veru ta' provenjenza tal-ikel, b'mod partikolari jekk l-informazzjoni li jkun hemm mal-ikel jew it-tikketta b'mod globali tista' b'xi mod ieħor timplika li l-ikel għandu pajjiż differenti tal-oriġini jew post differenti ta' provenjenza;

[…]"

Il-leġiżlazzjoni doganali

9 Il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ħassar bir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Unjoni"), li d-dispożizzjonijiet tiegħu li huma rilevanti għall-kawża ineżami saru applikabbli fl-1 ta' Mejju 2016, konformement mal-Artikolu 288(2) tiegħu.

10 B'effett minn dik id-data, ir-referenzi għall-Kodiċi Doganali tal-Komunità li jinsabu f'atti oħra tal-Unjoni, bħalma huwa r-Regolament Nru 1169/2011, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 286(3) ta' dan tal-aħħar.

11 L-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li huwa d-dispożizzjoni korrispondenti għall-Artikolu 23(1) u għall-Artikolu 24 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, jipprevedi:

"1. Merkanzija ottenuta kollha kemm hi f'pajjiż jew territorju wieħed għandha titqies bħala li toriġina minn dak il-pajjiż jew territorju.

2. Merkanzija li l-produzzjoni tagħha tinvolvi aktar minn pajjiż jew territorju wieħed għandha titqies li toriġina fil-pajjiż jew territorju fejn tkun għaddiet mill-aħħar proċessar jew xogħol sostanzjali, ekonomikament ġustifikat, f'impriża mgħammra għal dak l-għan, u li jirriżulta fil-manifattura ta' prodott ġdid jew li jirrappreżenta stadju importanti tal-manifattura."

L-Avviż tal-Kummissjoni

12 Fit-12 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż intitolat "Avviż Interpretattiv dwar l-indikazzjoni tal-oriġini tal-prodotti minn territorji okkupati mill-[Istat ta'] Iżrael minn Ġunju 1967 'l hawn" (ĠU 2015, C 375, p. 4, iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-Kummissjoni").

13 Fil-punt 1 ta' dan l-avviż, il-Kummissjoni tiddikjara li, "[l]-Unjoni Ewropea, b'konformità mad-dritt internazzjonali, ma tirrikonoxxix is-sovranità tal-Iżrael fuq it-territorji okkupati mill-Iżrael minn Ġunju 1967 'l hawn, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, il-Medda ta' Gaża u x-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalemm tal-Lvant, u ma tikkunsidrahomx bħala parti mit-territorju tal-Iżrael".

14 Fil-punt 2 tal-imsemmi avviż, il-Kummissjoni tindika li "hemm domanda mingħand il-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali għal ċarezza" dwar "[l]-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar l-indikazzjoni tal-oriġini tal-merkanzija għal prodotti li joriġinaw fit-territorji okkupati mill-Iżrael" u li "[l]-għan huwa wkoll li jkun iggarantit li jiġu rispettati l-pożizzjonijiet u l-impenji tal-Unjoni f'konformità mad-dritt internazzjonali fir-rigward tan-nonrikonoxximent mill-Unjoni tas-sovranità tal-Iżrael fuq it-territorji okkupati mill-Iżrael minn Ġunju 1967 'l hawn".

15 Fil-punt 3 tal-istess avviż, il-Kummissjoni tiddikjara li "[d]an l-Avviż ma joħloqx regoli leġiżlattivi ġodda" u "jirrifletti l-fehim li għandha l-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni", u huwa "mingħajr ħsara […] għall-interpretazzjoni li tista' tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja".

16 Wara li ssemmi, fil-punti 4 sa 6 tal-avviż tagħha, diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jipprevedu l-obbligu li l-oriġini ta' diversi tipi ta' prodotti tiġi indikata fuq dawn tal-aħħar, il-Kummissjoni tiddikjara dan li ġej fil-punti 7 sa 10 tiegħu:

"(7) Peress li l-Għoljiet tal-Golan u x-Xatt tal-Punent (inkluż Ġerusalemm tal-Lvant) ma jiffurmawx parti mit-territorju Iżraeljan skont id-dritt internazzjonali, l-indikazzjoni 'prodott tal-Iżrael' hija kkunsidrata skorretta u qarrieqa fis-sens tal-leġiżlazzjoni li saret referenza għaliha.

(8) Sal-punt li l-indikazzjoni tal-oriġini hija obbligatorja, trid tintuża espressjoni oħra, li tikkunsidra kif dawn it-territorji s-soltu jissejħu.

(9) Għall-prodotti mill-Palestina li ma joriġinawx mill-insedjamenti, indikazzjoni li ma tqarraqx rigward l-oriġini ġeografika, filwaqt li tikkorrispondi mal-prassi internazzjonali, tista' tkun 'prodott tax-Xatt tal-Punent (prodott Palestinjan)', 'prodott ta' Gaża' jew 'prodott tal-Palestina'.

(10) Għal prodotti mix-Xatt tal-Punent jew mill-Għoljie t tal-Ġolan li joriġinaw mill-insedjamenti, indikazzjoni limitata għal 'prodott tal-Għoljiet tal-Golan' jew 'prodott tax-Xatt tal-Punent' ma tkunx aċċettabbli. Anke jekk ikunu jindikaw żona jew territorju usa' minn fejn il-prodott joriġina, in-nuqqas tal-informazzjoni ġeografika addizzjonali li l-prodott ġej mill-insedjamenti tal-Iżrael ikun iqarraq bil-konsumatur rigward l-oriġini vera tal-prodott. F'dawn il-każi trid tiżdied l-espressjoni 'insedjament Iżraeljan' jew waħda ekwivalenti, pereżempju f'parentesi. Għaldaqstant, jistgħu jintużaw espressjonijiet bħal 'prodott tal-Għoljiet tal-Golan (insedjament Iżraeljan)' jew 'prodott tax-Xatt tal-Punent (insedjament Iżraeljan)'."

Id-dritt Franċiż

17 L-"Avis aux opérateurs économiques relatif à l'indication de l'origine des marchandises issues des territoires occupés par [l'État d']Israël depuis juin 1967" (l-Avviż lill-operaturi ekonomiċi dwar l-indikazzjoni tal-oriġini tal-merkanzija li tkun ġejja mit-territorji okkupati [mill-Istat ta'] Iżrael minn Ġunju 1967 lil hawn), ippubblikat mill-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi fl-24 ta' Novembru 2016 (JORF 2016, Nru 273, test Nru 81, iktar 'il quddiem l-"Avviż Ministerjali"), huwa fformulat kif ġej:

"Ir-Regolament [Nru 1169/2011] jipprovdi li d-dettalji tal-ittikkettjar għandhom ikunu ġusti. Dawn ma għandhomx jirriskjaw li jqarrqu bil-konsumatur, b'mod partikolari fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti. Il-prodotti tal-ikel mit-territorji okkupati mill-Iżrael għandhom għalhekk jiġu ttikkettjati sabiex jirriflettu din l-oriġini.

Konsegwentement, [id-Direction générale de la Concurrence, de la consommation et de la répression des fraudes (DGCCRF) du ministère de l'Économie et des Finances français (id-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni, tal-Konsum u tas-Sanzjoni tal-Frodi tal-Ministeru għall-Ekonomija u għall-Finanzi Franċiż)] għandu jiġbed l-attenzjoni tal-operaturi għall-Avviż [tal-Kummissjoni].

B'mod partikolari, dan jispeċifika li skont id-dritt internazzjonali l-Għoljiet tal-Golan u x-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalem tal-Lvant ma humiex parti mill-Iżrael. Konsegwentement, sabiex il-konsumatur ma jitqarraqx, l-ittikkettjar tal-prodotti tal-ikel għandu b'mod preċiż jindika l-oriġini eżatta tal-prodotti, kemm jekk l-indikazzjoni tagħha hija obbligatorja skont ir-regoli tal-Komunità u kemm jekk titwaħħal mill-operatur b'mod volontarju.

Għal prodotti mix-Xatt tal-Punent jew mill-Għoljiet tal-Golan li joriġinaw minn kolonji, riferiment limitat għal 'prodott li joriġina mill-Għoljiet tal-Golan' jew 'prodott li joriġina mix-Xatt tal-Punent' ma huwiex aċċettabbli. Għalkemm dawn it-termini effettivament jirreferu għaż-żona jew it-territorju usa' li minnu joriġina l-prodott, l-ommissjoni tal-informazzjoni ġeografika addizzjonali li l-prodott joriġina

minn kolonja Iżraeljana x'aktarx li tqarraq bil-konsumatur fir-rigward tal-oriġini vera tal-prodott. F'dawn il-każijiet, huwa neċessarju li jiżdied, bejn il-parenteżi, it-terminu 'insedjament Iżraeljan' jew termini ekwivalenti. Għalhekk, jistgħu jintużaw termini bħal 'prodott li joriġina mill-Għoljiet tal-Golan (insedjament Iżraeljan)' jew 'prodott li joriġina mix-Xatt tal-Punent (insedjament Iżraeljan)'."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

18 Permezz ta' żewġ rikorsi rreġistrati fl-24 u fil-25 ta' Jannar 2017, l-Organisation juive européenne u Vignoble Psagot ippreżentaw, it-tnejn li huma, quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) rikors intiż għall-annullament tal-Avviż Ministerjali. Insostenn tat-talbiet rispettivi tagħhom, huma invokaw, it-tnejn li huma, diversi motivi bbażati, b'mod partikolari, fuq in-nuqqas ta' osservanza, minn dan l-avviż, tar-Regolament Nru 1169/2011.

19 Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) qies, essenzjalment, li l-kwistjonijiet imqajma mill-eżami tal-motivi bbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza tar-Regolament Nru 1169/2011 kienu determinanti għall-eżitu taż-żewġ tilwimiet pendenti quddiemu u kienu jqajmu diffikultà serja.

20 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari r-Regolament Nru 1169/2011 […], meta l-indikazzjoni tal-oriġini ta' prodott li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament tkun obbligatorja, jeżiġi, fir-rigward ta' prodott li joriġina minn territorju okkupat mill-[Istat ta'] Iżrael sa mill-1967, l-indikazzjoni ta' dan it-territorju u indikazzjoni li tispeċifika li l-prodott joriġina minn kolonja Iżraeljana [insedjament Iżraeljan] jekk dan ikun il-każ?

2) Fin-nuqqas ta' dan, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament, b'mod partikolari dawk tal-Kapitolu VI tiegħu, jippermettu li Stat Membru jeżiġi tali indikazzjonijiet?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

21 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 9(1)(i) tar-Regolament Nru 1169/2011, moqri flimkien mal-Artikolu 26(2)(a) ta' dan ir-regolament, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn territorju okkupat mill-Istat ta' Iżrael għandu jkollhom ukoll, minbarra l-indikazzjoni ta' dan it-territorju, fil-każ li tali prodotti tal-ikel ikunu ġejjin minn insedjament Iżraeljan fl-imsemmi territorju, l-indikazzjoni ta' din il-provenjenza.

22 F'dan id-dawl, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li mill-Artikolu 9(1)(i) tar-Regolament Nru 1169/2011 jirriżulta li l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza ta' prodott tal-ikel hija obbligatorja meta tkun prevista fl-Artikolu 26 ta' dan ir-regolament.

23 Min-naħa tiegħu, dan l-Artikolu 26 jispeċifika, fil-paragrafu 2(a) tiegħu, li tali indikazzjoni hija obbligatorja fil-każ li l-ommissjoni tagħha tista' tqarraq bil-konsumaturi dwar il-pajjiż ta' oriġini jew dwar il-post ta' provenjenza reali ta' prodott tal-ikel, b'mod partikolari jekk l-informazzjoni li jkun hemm ma' dan il-prodott tal-ikel jew it-tikketta b'mod globali jistgħu jagħtu lil dak li jkun x'jifhem li l-imsemmi prodott tal-ikel għandu pajjiż ta' oriġini jew post ta' provenjenza differenti.

24 Barra minn hekk, il-premessa 29 tar-Regolament Nru 1169/2011, li fid-dawl tagħha għandha tinqara din id-dispożizzjoni, tiddikjara li indikazzjoni ta' oriġini jew ta' provenjenza ma għandhiex, fi kwalunkwe każ, tqarraq bil-konsumaturi.

25 Minn dan jirriżulta, minn naħa, li l-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza ta' prodott tal-ikel għandhom jissemmew meta l-ommissjoni ta' tali indikazzjoni tista' tqarraq bil-konsumaturi billi tagħtihom x'jifhmu li dan il-prodott tal-ikel għandu pajjiż ta' oriġini jew post ta' provenjenza differenti mill-pajjiż ta' oriġini jew mill-post ta' provenjenza reali tiegħu. Min-naħa l-oħra, meta l-indikazzjoni tal-oriġini jew ta' provenjenza tingħata fuq l-imsemmi prodott tal-ikel, hija ma għandhiex tkun qarrieqa.

26 Fit-tieni lok, il-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini", li jinsab fl-Artikolu 26(2)(a) tar-Regolament Nru 1169/2011, huwa ddefinit fl-Artikolu 2(3) ta' dan ir-regolament, b'riferiment għall-Kodiċi Doganali tal-Komunità, li s-suċċessur tiegħu huwa l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, kif indikat fil-punt 9 ta' din is-sentenza.

27 Skont l-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, għandha titqies li toriġina minn "pajjiż" jew minn "territorju" partikolari l-merkanzija li tkun jew inkisbet kollha kemm hi f'dan il-pajjiż jew f'dan it-territorju, jew li tkun għaddiet mill-aħħar ipproċessar jew xogħol sostanzjali fl-imsemmi pajjiż jew fl-imsemmi territorju.

28 Fir-rigward tal-kelma "pajjiż", għandu jiġi osservat, minn naħa, li din tintuża diversi drabi mit-Trattat UE u mit-Trattat FUE bħala sinonimu tal-kelma "Stat". Għalhekk, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni, għandha tingħata l-istess tifsira lil din il-kelma fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u fir-Regolament Nru 1169/2011.

29 Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "Stat" għandu min-naħa tiegħu jinftiehem fis-sens li jidentifika entità sovrana li teżerċita, fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi tagħha, il-ġurisdizzjoni kollha rrikonoxxuta mid-dritt internazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario, C-104/16 P, EU:C:2016:973, punt 95).

30 Fir-rigward tal-kelma "territorju", mill-formulazzjoni alternattiva tal-Artikolu 60 stess tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jirriżulta li din tirreferi għal entitajiet li ma jkunux "pajjiżi" u, għalhekk, li ma jkunux "Stati".

31 Kif diġà osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, tali entitajiet jinkludu b'mod partikolari spazji ġeografiċi li, filwaqt li jinsabu taħt il-ġurisdizzjoni jew taħt ir-responsabbiltà internazzjonali ta' Stat, ikollhom xorta waħda, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, status individwali u distint minn dak ta' dan l-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario, C-104/16 P, EU:C:2016:973, punti 92 u 95, kif ukoll tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK, C-266/16, EU:C:2018:118, punti 62 sa 64).

32 Fid-dawl tal-kontenut tal-Artikolu 60 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, l-obbligu, previst fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 1169/2011, li jiġi indikat il-pajjiż ta' oriġini ta' prodott tal-ikel, fil-każ li l-ommissjoni tiegħu tista' tqarraq bil-konsumaturi, għandu għalhekk japplika mhux biss għall-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn "pajjiż", fis-sens tal-punti 28 u 29 ta' din is-sentenza, iżda wkoll għall-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn "territorji", fis-sens tal-punt 31 ta' din is-sentenza.

33 Fil-kawża ineżami, il-qorti tar-rinviju tindika li l-prodotti tal-ikel inkwistjoni fil-kawżi prinċipali joriġinaw minn "territorji li ilhom okkupati mill-Istat ta' Iżrael mill-1967" u, b'mod iktar preċiż, kif jirriżulta mill-Avviż Ministerjali, mix-Xatt tal-Punent, inkluża Ġerusalemm tal-Lvant, u mill-Għoljiet tal-Golan.

34 Issa, skont ir-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali, dawn it-territorji huma suġġetti għal ġurisdizzjoni limitata tal-Istat ta' Iżrael, bħala setgħa okkupanti, filwaqt li kull wieħed minnhom għandu status internazzjonali individwali u distint minn dak ta' dan l-Istat.

35 Fil-fatt, ix-Xatt tal-Punent huwa territorju li l-poplu tiegħu, jiġifieri l-poplu Palestinjan, igawdi d-dritt għall-awtodeterminazzjoni, kif fakkret il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fl-opinjoni konsultattiva tagħha tad-9 ta' Lulju 2004, Legal Consequences of the Construction of a Wall in the Occupied Palestinian Territory (Konsegwenzi Legali tal-Kostruzzjoni ta' Ħajt fit-Territorju Palestinjan Okkupat) (I.C.J. Reports 2004, p. 136, punti 118 u 149). Fir-rigward tal-Għoljiet tal-Golan, dawn jagħmlu parti mit-territorju ta' Stat ieħor li ma huwiex l-Istat ta' Iżrael, jiġifieri tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jitqies li l-fatt li titqiegħed, fuq prodotti tal-ikel bħalma huwa dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, l-indikazzjoni li l-Istat ta' Iżrael huwa l-"pajjiż ta' oriġini" tagħhom, meta dawn il-prodotti tal-ikel ikunu fil-verità ġejjin minn wieħed mit-territorji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza, ikun ta' natura li jqarraq bil-konsumaturi.

37 Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jkunu mqarrqa dwar il-fatt li l-Istat ta' Iżrael huwa preżenti f'dawn it-territorji bħala setgħa okkupanti u mhux bħala entità sovrana fis-sens deskritt fil-punt 29 ta' din is-sentenza, jidher li huwa meħtieġ li lill-konsumaturi jiġi indikat li l-imsemmija prodotti tal-ikel ma joriġinawx minn dan l-Istat.

38 Għaldaqstant, l-indikazzjoni tat-territorju ta' oriġini ta' prodotti tal-ikel bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma tistax ma tingħatax u għandha għalhekk titqies li għandha natura obbligatorja taħt l-Artikoli 9 u 26 tar-Regolament Nru 1169/2011.

39 Fir-rigward, fit-tielet u l-aħħar lok, tal-kunċett ta' "post ta' provenjenza", li jinsab fl-Artikolu 26(2)(a) tar-Regolament Nru 1169/2011, dan jirreferi, skont l-ewwel sentenza tal-punt (g) tal-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament, għall-post minn fejn ikun ġej prodott tal-ikel, iżda li ma jkunx il-"pajjiż ta' oriġini" tiegħu. Madankollu, din id-dispożizzjoni tal-aħħar tispeċifika li l-indikazzjoni tal-isem, tal-isem tan-negozju jew tal-indirizz tal-produttur ma tistax tissostitwixxi l-indikazzjoni tal-provenjenza ta' dan il-prodott tal-ikel.

40 Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 26 sa 32 ta' din is-sentenza, post ta' provenjenza lanqas ma jista' jikkorrispondi għat-"territorju ta' oriġini" ta' prodott tal-ikel.

41 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-kunċett ta' "post ta' provenjenza" għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għal kull spazju ġeografiku ddeterminat li jinsab fil-pajjiż jew fit-territorju ta' oriġini ta' prodott tal-ikel, bl-esklużjoni ta' indirizz ta' produttur.

42 F'dan il-każ, id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju timplika, l-ewwel nett, id-determinazzjoni ta' jekk ir-Regolament Nru 1169/2011 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-indikazzjoni li prodott tal-ikel ikun ġej minn "insedjament Iżraeljan" li jinsab f'wieħed mit-territorji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza tista' titqies li hija indikazzjoni tal-post ta' provenjenza, fis-sens ta' dan ir-regolament.

43 Fir-rigward tal-kelma "insedjament", din il-kelma, minħabba n-natura ġenerika tagħha, tista' tirreferi għal diversi lokalitajiet u mhux għal post wieħed. Barra minn hekk, ikkunsidrata skont it-tifsira normali tagħha, din il-kelma għandha, lil hinn mit-tifsira ġeografika tagħha, dimensjoni demografika, sa fejn tirreferi għal stabbiliment ta' popolazzjoni ta' oriġini barranija.

44 Madankollu, dawn l-elementi ma jistgħux jipprekludu li l-kelma "insedjament" tista' tikkontribwixxi sabiex jiġi indikat "post ta' provenjenza", fis-sens tar-Regolament Nru 1169/2011, kemm-il darba, f'każ partikolari, din il-kelma tirreferi għal post ġeografikament iddeterminat, konformement mad-definizzjoni li tinsab fil-punt 41 ta' din is-sentenza.

45 Minn dan jirriżulta, f'dan il-każ, li l-indikazzjoni li prodott tal-ikel ikun ġej minn "insedjament Iżraeljan" li jinsab f'wieħed mit-territorji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza tista' titqies li hija indikazzjoni ta' "post ta' provenjenza", fis-sens tal-Artikolu 26(2)(a) tar-Regolament Nru 1169/2011.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ddeterminat, it-tieni nett, jekk l-indikazzjoni "insedjament Iżraeljan" għandhiex natura obbligatorja fir-rigward ta' prodotti tal-ikel bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali. B'mod iktar preċiż, sa fejn, kif jirriżulta mill-punt 38 ta' din is-sentenza, tali prodotti tal-ikel għandu jkollhom l-indikazzjoni tat-territorju ta' oriġini tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistħarreġ jekk dawn il-prodotti għandux ikollhom ukoll l-indikazzjoni "insedjament Iżraeljan".

47 Kif speċifikat fil-punt 25 ta' din is-sentenza, għal dan il-għan huwa meħtieġ li jiġi vverifikat jekk l-ommissjoni ta' din l-indikazzjoni, li tkun tfisser li jiġi indikat biss it-territorju ta' oriġini, tistax tqarraq bil-konsumaturi fir-rigward tal-post ta' provenjenza reali tal-prodotti tal-ikel ikkonċernati.

48 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-insedjamenti stabbiliti f'uħud mit-territorji okkupati mill-Istat ta' Iżrael huma kkaratterizzati mill-fatt li huma r-riżultat konkret ta' politika ta' trasferiment tal-popolazzjoni mmexxija minn dan l-Istat barra mit-territorju tiegħu, bi ksur tar-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali ġenerali, kif ikkodifikati fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 49 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Ċivili fi Żmien il-Gwerra, iffirmata f'Genève fit-12 ta' Awwissu 1949 (*United Nations Treaty Series*,Vol. 75, Nru 973, p. 287), kif osservat il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, fir-rigward tat-territorju Palestinjan okkupat, fl-opinjoni konsultattiva tagħha tad-9 ta' Lulju 2004, Legal Consequences of the Construction of a Wall in the Occupied Palestinian Territory (Konsegwenzi Legali tal-Kostruzzjoni ta' Ħajt fit-Territorju Palestinjan Okkupat) (I.C.J. Reports 2004, p. 136, punt 120). Barra minn hekk, din il-politika ġiet ikkundannata repetutament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 53 u 54 tal-konklużjonijiet tiegħu, u mill-Unjoni stess. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li, konformement mal-Artikolu 3(5) TUE, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-osservanza sħiħa tad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

49 Issa, għandu jiġi osservat li, fil-każ li prodott tal-ikel li jkun ġej minn kolonja Iżraeljana jkollu l-indikazzjoni ta' wieħed mit-territorji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza, mingħajr madankollu ma jindika dan il-post ta' provenjenza, il-konsumaturi jistgħu jingħataw x'jifhmu li dan il-prodott tal-ikel ġej, fil-każ tax-Xatt tal-Punent, minn produttur Palestinjan jew, fil-każ tal-Għoljiet tal-Golan, minn produttur Sirjan.

50 Fil-fatt, il-konsumaturi ma jistgħux ikunu mistennija jikkunsidraw, fl-assenza ta' kwalunkwe informazzjoni ta' natura li tagħtihom kjarifika dwar dan il-punt, li tali prodott tal-ikel ikun ġej minn lokalità jew minn grupp ta' lokalitajiet li jikkostitwixxu insedjament stabbilit f'wieħed mill-imsemmija territorji b'nuqqas ta' osservanza tar-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali.

51 Sa dan il-punt, l-ommissjoni tal-indikazzjoni li prodott tal-ikel ikun ġej minn "insedjament Iżraeljan" li jinsab f'wieħed mit-territorji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza tista' tqarraq bil-konsumaturi billi tagħtihom x'jifhmu li dan il-prodott tal-ikel għandu post ta' provenjenza differenti mill-post ta' provenjenza reali tiegħu.

52 Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-għan tar-Regolament Nru 1169/2011, li huwa, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tiegħu, li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-qasam tal-informazzjoni dwar il-prodotti tal-ikel, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi fil-perċezzjoni tagħhom.

53 Fil-fatt, mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1169/2011, kif ukoll mill-premessi 3 u 4 ta' dan ir-regolament, li fid-dawl tagħhom għandha tinqara din id-dispożizzjoni, jirriżulta li l-informazzjoni lill-konsumaturi għandha tippermettilhom jiddeċiedu b'għarfien sħiħ tal-fatti kif ukoll b'osservanza, b'mod partikolari, ta' kunsiderazzjonijiet sanitarji, ekonomiċi, ekoloġiċi, soċjali jew etiċi.

54 Issa, fid-dawl tan-natura mhux eżawrjenti ta' din il-lista, għandu jiġi enfasizzat li tipi oħra ta' kunsiderazzjonijiet, bħalma huma dawk marbuta mal-osservanza tad-dritt internazzjonali, jistgħu wkoll ikunu rilevanti f'dan il-kuntest.

55 F'dan il-każ, għandu jiġi rrikonoxxut, kif osserva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 51 u 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-konsumaturi jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom billi jqisu kunsiderazzjonijiet marbuta mal-fatt li l-prodotti tal-ikel inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jkunu ġejjin minn insedjamenti stabbiliti bi ksur tar-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali.

56 Barra minn hekk, il-fatt li prodott tal-ikel ikun ġej minn insedjament stabbilit b'nuqqas ta' osservanza tar-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali jista' jkun is-suġġett ta' evalwazzjonijiet ta' natura etika li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi, u dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li wħud minn dawn ir-regoli huma regoli essenzjali tad-dritt internazzjonali (opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tad-9 ta' Lulju 2004, Legal Consequences of the Construction of a Wall in the Occupied Palestinian Territory (Konsegwenzi Legali tal-Kostruzzjoni ta' Ħajt fit-Territorju Palestinjan Okkupat), I.C.J. Reports 2004, p. 136, punti 155 sa 159).

57 B'hekk, minkejja l-fatt li l-Artikolu 9(1)(i) u l-Artikolu 26(2)(a) tar-Regolament Nru 1169/2011 jirreferu għall-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini "jew" tal-post ta' provenjenza, dawn id-dispożizzjonijiet jirrikjedu, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, kemm l-indikazzjoni li prodott tal-ikel joriġina minn wieħed mit-territorji msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza u kemm l-indikazzjoni li dan il-prodott il-ikel ikun ġej minn "insedjament Iżraeljan", f'sitwazzjoni fejn l-imsemmi prodott tal-ikel ikun ġej minn insedjament li jinsab f'wieħed minn dawn it-territorji, u dan għaliex l-ommissjoni ta' din it-tieni indikazzjoni tista' tqarraq bil-konsumaturi fir-rigward tal-post ta' provenjenza ta' dan il-prodott tal-ikel.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 9(1)(i) tar-Regolament Nru 1169/2011, moqri flimkien mal-Artikolu 26(2)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn territorju okkupat mill-Istat ta' Iżrael għandu jkollhom mhux biss l-indikazzjoni ta' dan it-territorju, iżda għandu jkollhom ukoll, fil-każ li tali prodotti tal-ikel ikunu ġejjin minn lokalità jew minn grupp ta' lokalitajiet li jikkostitwixxu insedjament Iżraeljan fl-imsemmi territorju, l-indikazzjoni ta' din il-provenjenza.

Fuq it-tieni domanda

59 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 9(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 26(2)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn territorju okkupat mill-Istat ta' Iżrael għandu jkollhom mhux biss l-indikazzjoni ta' dan it-territorju, iżda

għandu jkollhom ukoll, fil-każ li tali prodotti tal-ikel ikunu ġejjin minn lokalità jew minn grupp ta' lokalitajiet li jikkostitwixxu insedjament Iżraeljan fl-imsemmi territorju, l-indikazzjoni ta' din il-provenjenza.

Firem